# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 22**

**Citazzjoni numru 1152/15/1 MCH**

**VistaJet Limited**

**v.**

**Silvia Pusceddu**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat tas-socjetà attrici datat l-4 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu jinghad hekk:

> *"1. Illi s-socjeta attrici ffirmat ftehim mal-konvenuta datat sittax (16) ta' Jannar elfejn u tlettax (2013) sabiex l-initmata tkun tista' tattendi kors ta' tahrig ghall-bdoti (Vide kopja tal-Ftehim datat sittax (16) ta' Jannar elfejn u tlettax (2013), hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument VJ1');*

*“2. Illi effettivament l-isharrig, hawn fuq imsemmi gie jiswa lis-socjeta attrici s-somma ta' sitta u erbghin elf u tlett mija u hamsin dollaru Amerikan (46,350) (Vide kopja tal-ircevuta fiskali hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument VJ2') u s-socjeta attrici halset ukoll spejjez marbutin mat-tahrig;*

*“3. Illi permess li n-nefqa ghat-tahrig ta' bdot kummercjali hija konsiderevoli, u min ikun hekk imharreg jikseb il-vantagg ta' opportunitajiet ghall-impieg bi hlas oghla kif ukoll opportunitajiet ta' xoghol ma’ kumpaniji tal-ajru differenti, is-socjeta attrici xtaqet thares l-investiment taghha billi tiffissa car u minn qabel il-kundizzjonijiet li fihom isir it-tahrig u kif ukoll li hija tifdi l-imsemmi investiment (Vide kopja tal-Ftehim datat sittax (16) ta' Jannar elfejn u tlettax (2013), hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument VJ1');*

*“4. Illi minhabba r-raguni hawn fuq premessa s-socjeta attrici stipulat b'mod car fil-kuntratt datat sittax (16) ta' Jannar elfejn u tlettax (2013) li:*

> *“If the employee terminates the employment within the first 36 months following completion of the training on his/her own initiative (usually by resigning) or due to (1) submitting notice of termination during the probationary period or (2) vetoing the prolongation into a service relationship which has an indefinite term, without the reason for the termination being linked to any act or omission of the employer, or if the working relationship is terminated by the employer for good cause for which the employee responsible, the employee is obliged to reimburse the training costs on a pro rata basis”;*

*“5. Illi l-ammont imhallas fit-tahrig gie redott pro rata skont ix-xhur li l-intimata hadmet mas-socjeta attrici u dan ai termini tal-istess ftehim u jfisser li l-ammont dovut mill-intimat lis-socjeta attrici hu dak ta' hamsa u tletin elf u tlett mitt ewro (€35,300);*

*“6. Illi in oltre fis-dsatax (19) ta' Mejju 2013 il-konvenuta rrezenjat minn mas-socjeta attrici (Vide kopja tal-ittra ta' rezenja hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument VJ3') u li ghalhekk hija ma baqghetx tahdem bhala pilota mal-kumpanija attrici u li kwindi hija obbligata thallas lura lis-socjeta attrici s-somma ta' hamsa u tletin elf u tliet mitt ewro (€35,300) u dan kif gie pattwitt bejn il-partijiet u kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza (Vide Debit Note hawn annessa mmarkata bhala 'Dokument VJ4');*

*“7. Illi fl-opinjoni umli tas-socjeta attrici mhemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex tali somma ma ghandhiex tigi mhallsa lura lejn is-socjeta attrici;*

*“8. Illi in oltre u dejjem fl-umli opinjoni tas-socjeta attrici ma hemm xejn li jista' jwaqqa' dak li kien miftiehem bejnha u s-socjeta attrici in kwantu li l-kuntratt sar bil-liberta kollha u bil-harsien tal-principju pacta sunt servanda;*

*“9. Illi minkejja li l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-hlas hija dejjem baqghet inadempjenti u l-ammont kollu ghadu dovut sal-lum.*

*“Ghaldaqstant, il-kumpanija esponenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti (i) tiddikjara li l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' hamsa u tletin elf u tlett mitt ewro (€35,300) jew somma verjuri, rapprezentanti r-rifuzjoni ghat-tahrig ta' bdot kummercjali mhallas mis-socjeta attrici ghall-beneficcju tal-konvenut u (ii) tordna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-istess somma ta' hamsa u tletin elf u tlett mitt ewro (€35,300) jew somma verjuri, bl-imghaxijiet skont il-ligi u spejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni”.*

2. Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta datata 19 ta’ Frar, 2016, li permezz taghha gie eccepit:

*“1. Illi preliminarjament jigi eccepit illi din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni fil-proceduri odjerni u dan ai termini tar-Regolament (UE) Nurnru 1215/2012 dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet civili u kummercjali (precedentement Regolament 44/2001);*

*“2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, is-socjeta attrici trid iggib prova konkreta u dokumentarja illi hija verament zborsat l-ammont illi hija qed tallega illi hallset ghat-tahrig tal-istess konvenuta u liema ammont hija qed titlob ir-rifuzjoni tieghu fit-talbiet kontenuti fir-Rikors Guramentat taghha;*

*“3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti, ir-rikors guramentat huwa mizghud b'fatti inkorretti kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh u t-trattazzjoni tal-kawza;*

*“4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti, ebda ammont ma hu dovut mill-konvenuta;*

*“5. Illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;*

*“6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*“Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici u b'rizerva ghall-azzjonijiet ulterjuri kontra l-istess socjeta attrici.”*

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 t'Ottubru, 2016, fil-kawza fl-ismijiet premessi, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi, laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuta li l-Qrati Maltin m'ghandhomx gurisdizzjoni jisimghu l-kawza a bazi tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament 1215/2012 u ghalhekk iddecidiet illi ma tkomplix tiehu konjizzjoni tal-kawza. Bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidrat*

*"Is-socjeta attrici qed titlob il-hlas lura ta' ammont ta' flus imhallsa minnha sabiex il-konvenuta tippartecipa fi programm ta' tahrig avvanzat ta' bdot u dan in virtu ta' kuntratt appozitu ghal dan l-iskop datat 16 ta' Jannar 2013 (ara fol. 99 tal-process). Dan il-ftehim gie ffirmat bejn is-socjeta attrici qua 'employer' u l-konvenuta qua 'employee'. Jrid jigi ccarat illi fl-istess jum gie ffirmat kuntratt ta' impjieg bejn is-socjeta attrici registrata f'Malta, mal-konvenuta (ara fol. 90 tal-process). Dan il-kuntratt jirreferi ghal kuntratt iehor precedenti ta' mpieg bejn l-istess partijiet datat 28 ta' April 2010 li gie superat bil-kuntratt gdid tas-16 ta' Jannar 2013 li pero jaghmel referenza ghal kuntratt ta' mpjieg precedenti ghal fini ta' beneficcju bhal seniority u vakanzi applikabbli favur il-konvenuta. Iz-zewg ftehim tas-16 ta' Jannar 2013 gew iffirmati f'Malta fi zmien meta l-konvenuta kienet residenti f'Malta. Il-konvenuta kienet impjegata bhala bdot u ghalhekk xogholha kien mifrux skond il-pajjizi li tigi mitluba ssiefer skond l-ajruplan li tkun qed ittajjar. Il-ftehim ta' tahrig pero kien ser jigi esegwit fil-Canada. Il-konvenuta rrizenjat mill-impjieg f'Lulju 2013 u ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob lura hlas li hi ghamlet ghat-tahrig tal-konvenuta naxxenti mill-istess ftehim tas-16 ta' Jannar 2013.*

*"Il-konvenuta qed tissottometti li l-Qrati Maltin ma ghandhomx gurisdizzjoni u dan ai termini tal-regolament 1215/2015 gia 44/2001 dwar il-gurisdizzjoni fi kwistjonijiet civili.*

*"Din il-Qorti tqis li biex tara liema artikolu tar-regolament japplika ghal din il-vertenza qabel xejn irid jittiehed kont tar-relazzjoni bejn il-kontendenti. Hi l-fehma tal-Qorti illi ghalkemm il-ftehim ta' tahrig hu autonomu pero hu r-rizultat u konsegwenza diretta tal-kuntratt ta'*

*mpjieg bhala bdot li l-konvenuta kellha mas-socjeta attrici tant li z-zewg ftehim gew iffirmati fl-istess jiem. Dan jirrizulta minn xiehda ta' Nick Van Der Meer, rapprezentant tas-socjeta attrici fit-tieni pagna tax-xiehda tieghu a fol. 211 tal-process. Ghalkemm spjega li tali ftehim ta' tahrig seta' jinghata lil external employees ukoll pero l-kaz irid jittiehed skond il-fattispecie tieghu. Dan il-kaz juri car illi dan il-ftehim sar b'konsegwenza diretta tal-fatt li l-konvenuta kellha kuntratt ta' impjieg mas-socjeta attrici. B'konsegwenza t-talbiet attrici huma direttament konnessi malistess ftehim ta' tahrig li jifforma parti integrali mill-ftehim ta' mpjieg.*

*"Kif qalet il-Qorti tal-Gustizzja Ewropea fil-kawza C-47/14 moghtija fl-10 ta' Settembru 2015 fil-proceduri Holterman Ferho Explitatie BV:*

> "*In order to ensure the full effectiveness of Regulation No 44/2001, in particular Article 18, the legal concepts that regulation uses must be given an independent interpretation common to all the Member States (judgment in Mahamdia, C-154/11, EU:C:2012:491, paragraph 42) ... With regard to Article 5(1) of the Brussels Convention, a provision which was used as the basis for adopting Articles 18 to 21 of Regulation No 44/2001, the Court has already held that contracts of employment have certain particularities: they create a lasting bond which brings the worker to some extent within the organisational framework of the business of the undertaking or employer, and they are linked to the place where the activities are pursued, which determines the application of mandatory rules and collective agreements ... Furthermore, as regards the term 'employee', the Court has held ... that the essential feature of an employment relationship is that for a certain period of time one person performs services for and under the direction of another in return for which he receives remuneration."*

"B'zieda ma' dan hu rilevanti l-parir tal-Avukat Generali fil-preliminary ruling fl-istess kaz tat-3 ta' Mejju 2014 fejn jinghad:

> *"B'kuntratt ta' mpjieg 'one person undertakes to another to perform a particular activity in return for remuneration' u element li jiddistingwi kuntratt ta' mpjieg hu li 'the person providing the service is to a greater or lesser degree, under the power of management and insturciton of the other party to the contractual relationship which puts the former in a subordinate position vis-a-vis the latter. It is this subordinate position that makes it necessary in principle to provide particular protection for the weaker party which is the reason for the special rule in article 20(1) of the regulation that when a defendant is an 'employee' he may be tried only in the courts of the member state in which he is domiciled."*

*"Il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz hu applikabbli s-sezzjoni 5 tar-regolament 1215/2012. L-artikolu 20(1) gia 18(1) tar-regolament 44/2001 jghid li fi kwistjonijiet relatati ma' kuntratti ta' mpjieg, japplika dak li jipprovdi sezzjoni 5 hlief ghal xi eccezzjonijiet li mhux relatati mal-kaz de quo. L-artikolu 22(1) gia 20(1) tar-regolament 44/2001 hu kategoriku u jghid li 'an employer may bring proceedings only in the courts of the member state in which the employee is domiciled'. Tali regoli gurisdizzjonali*

*ghandhom applikazzjoni ezawrjenti u jipprevalu fuq dawk ir-regoli gurisdizzjonali applikabbli f'kazijiet ohra, b'mod li ma jistghux jigu supplimentati jew emendati b'regoli domestici. Ara Glaxosmithkline and Laboratoires Glaxosmithkline vs Jean-Pierre Rouard, (C-462/06). Ir-regola fl-artikolu 22(1) tista' titwarab biss bi ftehim skond artikolu 23. Pero f'dan il-kaz ma jirrizultax ftehim li xejjen ir-regola.*

*"Irid jigi stabbilit ghalhekk fejn hi domiciljata l-konvenuta fiz-zmien tal-ftuh tal-proceduri. Bla dubju din hi kwistjoni ta' fatt resa ftit komplikata minn natura ta' xoghol tal-istess konvenuta li bhala bdot kienet tkun imsiefra spiss fuq xoghol. Jidher bhala fatt pero illi l-konvenuta kienet tirrisjedi f'Malta almenu fl-2013 billi l-indirizz moghti fl-ittra tar-rizenja mill-impjieg taghha (fol. 7 tal-process) il-konvenuta tindika indirizz f'tas-Sliema minn fejn intbaghtet l-ittra. Pero fl-affidavit tal-konvenuta hi tghid li kienet tghix Malta bejn l-2012 u 2013 biss u dan minhabba ragunijiet ta' xoghol. Hi telqet minn Malta u bhalissa qed tirrisjedi f'United Arab Emirates ma' zewgha wkoll minhabba ragunijiet ta' xoghol. Tixhed li hi Taljana, familtha kollha Taljana, ghandha appartament f'Sardegna u tikkonsidra l-Italja bhala l-home country taghha fejn twieldet u l-aktar li ghandha konsessjonijiet maghha. Il-Qorti tirrileva illi n-notifika mis-socjeta attrici lil-konvenuta fil-fatt saret f'Sardegna. Dan jidher li kien u ghadu d-domicilju originali tal-konvenuta u ma hemmx prova li gie mibdul.*

*"Il-Qorti tqis illi minn dawn il-fatti mhux kontradetti Malta mhix id-domicilju tal-konvenuta u b'hekk l-eccezzjoni tal-konvenuta hi ben fondata u ghandha tintlaqa'."*

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetà attrici VistaJet Limited, li permezz tieghu titlob lil din il-Qorti sabiex (i) thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim'Awla fil-5 ta' Ottubru, 2016; (ii) tiddikjara li l-Qrati Maltin ghandhom il-gurisdizzjoni sabiex jisimghu l-mertu tal-kaz u (iii) tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tkompli tisma' l-mertu ta' dan il-kaz.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-Avukat Michael Grech bhala mandatarju specjali ta' Silvia Pusceddu, li permezz taghha wiegeb li l-appell interpost mis-socjeta` appellanti ghandu jigi michud, bl-ispejjez

kontra l-istess socjeta` attrici appellanti u s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata.

7. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jiddikjaraw li m'ghandhomx xi jzidu ma' dak li diga' jinsab fl-atti u ghaldaqtant l-appell jista' jibqa' differit ghas-sentenza.

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi dan il-kaz jitratta l-azzjoni attrici li tissejjes fuq ftehim ta' tahrig datat 16 ta' Jannar, 2013, sabiex il-konvenuta, bhala impjegata tas-socjeta` attrici, tkun tista' titharreg sabiex tkun bdot ta' tip partikolari ta' ajruplan tat-tip BD700, liema tahrig kien jiswa lis-socjeta` attrici s-somma ta' USD 42,830.00. B'dan illi, f'kaz li l-istess konvenuta tittermina l-impieg taghha qabel il-perjodu ta' 36 xahar wara li tlesti l-imsemmi tahrig, hija kienet qieghda tintrabat li taghmel tajjeb ghal din l-ispiza jew ghal dik il-parti pro-rata skont iz-zmien li fih l-impjegata titlaq qabel it-terminu pattwit. Peress li l-konvenuta tterminat l-impieg taghha f'Mejju tas-sena 2013, is-socjeta` attrici qieghda permezz tal-kawza odjerna titlob lura l-hlas ta' €35,300, skont l-imsemmi ftehim.

10. Il-konvenuta ressqet diversi eccezzjonijiet, fosthom dik dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni da parti tal-qrati Maltin ai termini tar-Regolament (UE) 1215/2012 dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet civili u kummercjali (precedentement Regolament 44/2001). L-ewwel Qorti laqghet din l-ewwel eccezzjoni u permezz tas-sentenza preliminari appellata, ddikjarat li m'ghandhiex gurisdizzjoni tisma' l-kawza a bazi tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament 1215/2012.

11. Is-socjeta` attrici hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponiet appell minnha. Hija ssejjes l-appell taghha fuq zewg aggravji principali:

(I) l-Ewwel Qorti naqset milli tapprofondixxi kemm legalment, kif ukoll fattwalment in-natura tal-kuntratt ta' tahrig mertu tal-kawza, in kwantu s-socjeta` appellanti tishaq li l-kuntratt ta' tahrig ma kellux jitqies bhala parti mill-kuntratt t'impieg u lanqas bhala kuntratt ancillari ghall-kuntratt t'impieg, izda kellu jitqies bhala kuntratt awtonomu u indipendenti mill-kuntratt t'impieg. F'dan is-sens kienet is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Marzu, 2013, fil-kawza fl-ismijiet ***Ramon Portelli et v. Air Malta*,** li kellha l-mertu simili ghall-kawza odjerna. L-appellanti tikkontendi li s-sezzjoni 5 tar-Regolament 1215/2012 hija ntitolata *Jurisdiction over Individual Contracts of Employment,* u ghalhekk ma tapplikax ghall-kaz in ezami. Taghmel referenza ghall-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili fis-sens li

meta l-kliem tal-kuntratti huwa car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni u l-vinkolu kuntrattwali (*pacta sunt servanda)* ghandu jigi rispettat u osservat.

(II) L-ewwel Qorti naqset milli taghmel analizi netta dwar in-natura tal-kuntratt ta' tahrig, sabiex waslet ghall-konkluzjoni zbaljata li kellu jigi applikat l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Ewropew 1215/ 2012, u mhux l-Artikolu 7, li fil-fehma tal-appellanti huwa applikabbli ghall-kaz in ezami, in kwantu tikkontendi li persuna domiciljata fi Stat Membru tista' tigi mharrka fi Stat Membru iehor f'kwistjonijiet relatati ma' kuntratti, fil-qrati tal-post tat-twettiq tal-obbligazzjoni in kwistjoni. Is-socjeta` attrici tishaq li l-ftehim ta' tahrig ma jistax jigi meqjus bhala kuntratt t'impieg u l-pretensjonijiet attrici ghar-rifuzjoni tal-hlas, hija obbligazzjoni li kellha titwettaq hawn Malta fil-konfront ta' kumpanija registrata hawn Malta, liema ammont huwa determinat skont l-ammont ta' zmien li l-konvenuta kienet fl-impieg tas-socjeta` attrici, kwindi tikkontendi li l-gurisdizzjoni hija dik ta' Malta.

12. Tajjeb li jigi nnutat li l-materja in ezami hija regolata permezz tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea li jgib ir-referenza 1215/2012 tat-12 ta' Dicembru, 2012, dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi f'kwistjonijiet civili u kummercjali, li bih gie riformulat dak precedenti li kien igib ir-referenza 44/2001. Dan ir-Regolament

1215/2012, dahal fis-sehh fl-10 ta' Jannar, 2015, u ghalhekk m'hemmx dubju li ghandu japplika ghall-kaz in ezami. Ir-Regolament 1215/2012 huwa bbazat u simili tassew ghal dak precedenti (44/2001). Jigi pprecizat ukoll li, bhala regolament, ghandu effett dirett bhala ligi hawn Malta u ghandu jipprevali fuq kull ligi domestika li tista' tkun f'kunflitt mieghu. Tant hu hekk li, l-Artikolu 742(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li, meta dispozizzjoni ssir taht xi ligi ohra jew f'xi Regolament tal-Unjoni Ewropea fejn ikun hemm dispozizzjoni differenti minn dik li tinsab f'dak l-artikolu, id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 742 m'ghandhomx japplikaw dwar l-affarijiet li jaqghu taht dak ir-regolament u ghandhom japplikaw biss ghal affarijiet li dwarhom dak ir-regolament ma japplikax. Isegwi li l-Artikolu 742 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, mhux aktar applikabbli fejn ikun japplika r-Regolament tal-Unjoni Ewropea. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2015, fil-kawza fl-ismijiet ***Maltrad (Holdings) Limited v. Norbert Coll***).

13. Minn qari tal-preambolu (b'mod partikolari paragrafi 15, 16, 18 u 19) ghar-Regolament 1215/2012 huwa evidenti li l-principju generali huwa li l-gurisdizzjoni hija generalment ibbazata fuq id-domicilju tal-konvenut u l-gurisdizzjoni ghandha dejjem tkun disponibbli fuq il-bazi ta' din ir-raguni, hlief ghal ftit sitwazzjonijiet definiti sewwa li fihom is-suggett tat-tilwima jew awtonomija tal-partijiet ikunu jehtiegu fattur ta' konnessjoni

differenti. Kwindi barra d-domicilju tal-konvenut, ghandu jkun hemm ragunijiet alternattivi ta' gurisdizzjoni bbazati fuq konnessjoni mill-qrib bejn il-qorti u l-azzjoni sabiex tkun iffacilitata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Madankollu b'relazzjoni mal-kuntratti ta' assigurazzjoni, tal-konsumatur jew ta' impieg, il-parti l-anqas b'sahhitha ghandha tigi mharsa b'regoli ta' gurisdizzjoni aktar favorevoli ghall-interessi taghha mir-regoli generali.

14. Dawn il-principji ta' interpretazzjoni restrittiva jinsabu assodati fil-gurisprudenza lokali li tissejjes fuq il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Hekk is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 t'Ottubru, 2012, fil-kawza fl-ismijiet ***Chemimart Limited v. Reckitt Benckiser Healthcare International Limited*** li trattat eccezzjoni simili inghad:

> "*Jidher ghalhekk li r-regola generali hi li persuna ghandha tigi mharrka fl-Istat Membru fejn hi domiciljata. Madankollu hemm eccezzjonijiet. Fis-sentenza parzjali li nghatat fid-9 ta' Jannar 2012 fil-kawza Avukat Dr Edward DeBono nomine vs No Stop Technology, il-qorti osservat*:-
>
> *"Fil-kawza deciza mill-Qrati Ewropej fl-ismijiet Kalfelis vs Shroder, Case 189/1987 (Reports 1988 page 05565) inghad li "all exceptions to the rule that the defendant must be sued in the state of his domicile are to be construed narrowly". Dan kien bazat fuq il-principju tad-dritt generali tal-konvenut, ossija dak li jigi imharrek fid-domicilju tieghu (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza tal-European Court of Justice fil-kawza "Athanasios Kalfelis vs Bankhaus Schroder, Munchmeyer, Hengst and Co., deciza mill-Fifth Chamber fis-27 ta' Settembru 1988, Case no 189/87 European Court Reports 5565, u s-sentenza lokali fl-ismijiet Bell Med Limited C26412 Vs Pari Mutuel Urban deciza mill-Qorti ta' L-Appell Civil Superjuri fit-18 ta' Settembru 2009."*.
>
> *"Fil-kaz Jakob Handte & Co GmbH v Traitements Mecano-chimiques des Surfaces SA (1992) (C-26/91) deciz mill-Qorti Ewropea fis-17 ta' Gunju 1992, inghad li r-regola generali li persuna ghandha titharrek fl-Istat Membru fejn hi domiciljata "……is a general principle because it*

> *makes it easier, in principle, for a defendant to defend himself. Consequently, the jurisdictional rules which derogate from that general principle must not lead to an interpretation going beyond the situations envisaged by the Convention.””.*

15. Fl-ewwel aggravju taghha, s-socjeta` attrici appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tistharreg sew in-natura tal-kuntratt ta’ tahrig mertu tal-kawza. Ghandu jinghad mal-ewwel li, din il-Qorti taqbel mal-analizi maghmula mill-ewwel Qorti in kwantu rriteniet li ghalkemm il-ftehim ta’ tahrig huwa wiehed awtonomu, izda dan sar rizultat u konsegwenza diretta tal-kuntratt t’impieg tal-konvenuta, tant li z-zewg ftehim saru fl-istess jum. Huwa minnu li l-azzjoni attrici hija msejsa fuq il-ftehim tat-tahrig ta’ bdot kummercjali, senjatament il-ksur tal-obbligu kuntrattwali fejn il-konvenuta ntrabtet li in kontrakambju ghat-tahrig li kellha tinghata, hija kellha taghti servizz lis-socjeta` attrici ghat-terminu pattwit ta’ tliet snin mid-data tat-tkomplija tat-tahrig u fin-nuqqas, thallas is-somma hemm pattwita rapprezentanti l-ispiza tat-tahrig jew somma ohra mahduma pro-rata, skont meta hija titlaq mill-istess impieg. Izda dan il-ftehim sar proprju fl-isfond tal-impieg tal-konvenuta appellata mas-socjeta` attrici li kien ilu fis-sehh ghal madwar tliet snin qabel il-ftehim ta’ tahrig.

16. Din il-Qorti rat is-sentenza citata mill-appellanti in sostenn tal-aggravju taghha (***Portelli v. Air Malta***) fejn tabilhaqq jinghad li ftehim simili ghandu ezistenza awtonoma mill-kuntratt tal-impieg. F’dan is-sens ukoll kienet is-sentenza ta’ din il-Qorti tal-14 ta’ Settembru, 1988, fil-

kawza fl-ismijiet ***Anthony J. Bartolo noe v. Dominic Saywell***. Madankollu apparti li kull kaz irid jigi ezaminat fic-cirkostanzi partikolari tieghu, dawk is-sentenzi ma kenux qeghdin jigu kkunsidrati fil-kuntest t'eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni taht ir-Regolament Ewropew 1215/2012, li kif rajna primarjament issejjes il-gurisdizzjoni fuq id-domicilju tal-impjegat u li kwalunkwe interpretazzjoni ghandha tkun wahda restrittiva.

17. Il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti li dan il-ftehim ta' tahrig sar mal-konvenuta fl-isfond tal-impieg taghha mas-socjeta` attrici, tinsab debitament korroborata minn numru ta' fatti rizultanti mill-atti, fosthom: (i) li l-istess ftehim ta' tahrig konsistentement jirreferi ghall-konvenuta bhala l-impjegata; (ii) li l-fattura ghar-rimbors tal-ispejjez ta' tahrig, taghmel referenza ghall-paragrafu 4.5 tal-kuntratt t'impieg (ara Dok. VJ 4 a fol. 8 tal-process); (iii) minn harsa lejn il-paragrafu 4.5 tal-kuntratt t'impieg, (fol.93 tal-process) effettivament dan ukoll kien jipprovdi ghar-radd ta' flus lura *pro rata* l-ispejjez ta' tahrig skont l-ammont ta' zmien li l-attrici tibqa' impjegata mas-socjeta` attrici, f'dawk il-kazijiet hemm mahsuba; u (iv) s-socjeta` attrici pproponiet li hija taqta l-flus dovuti lilha proprju mill-paga tal-konvenuta (ara Dok. MP 3 a fol. 209 tal-process). Kwindi ghall-fini ta' dan l-aggravju din il-Qorti hija sodisfatta li z-zewg kuntratti, ghalkemm awtonomi, huma intrinsikament marbuta ma' xulxin. Isegwi li kunsidrata r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti fil-kawza, hija primarjament

dik naxxenti mill-kuntratt t'impieg tal-konvenuta, din il-Qorti ma tarax li ghandha tilqa' l-istedina tal-appellanti li twarrab l-applikazzjoni tat-Taqsima 5 tar-Regolament 1215/2012 dwar il-gurisdizzjoni fuq kuntratti individwali ta' impieg.

18. Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju, dak fejn l-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tanalizza n-natura tal-kuntratt ta' tahrig, bil-konsegwenza li waslet ghall-konkluzjoni zbaljata meta applikat l-Artikolu 22(1) minflok l-Artikolu 7 tar-Regolament 1215/2012. Jitqies li sabiex wiehed jasal ghan-natura tar-relazzjoni bejn il-kontendenti fil-kawza u kwindi l-provvediment applikabbli ghall-kaz in ezami, huwa mehtieg li wiehed janalizza l-fatti u c-cirkostanzi kollha tar-relazzjoni bejn il-kontendenti fil-kawza, sabiex jasal ghall-konkluzjoni gusta. Ghalkemm l-appellanti tishaq li l-kuntratt ta' tahrig ma seta' qatt jitqies bhala kuntratt t'impieg, b'zieda ma' dak enuncjat mill-ewwel Qorti b'referenza ghad-decizjoni tal-Qorti Tal-Gustizzja Ewropea, fil-kawza ***Holterman Ferho Exploitatie BV and Others v. F.L.F. Spies von Büllesheim***, issir referenza wkoll ghad-decizjoni tas-6 ta' Mejju, 2014, li ggib referenza C-229/14 fil-kawza fl-ismijiet ***Ender Balkaya*** *v.* ***Kiesel Abbruch- und Recycling Technik GmbH***, fejn sahansitra inghad:

> *"…it is clear from the Court's well-established case-law that the concept of 'worker' in EU law extends to a person who serves a traineeship or periods of apprenticeship in an occupation that may be regarded as practical preparation related to the actual pursuit of the occupation in question, provided that the periods are served under the conditions of genuine and effective activity as an employed person, for and under the direction of an employer. …*

> *…it is necessary to regard as a worker for the purposes of that provision a person, such as the one in question in the main proceedings, who, while not receiving remuneration from his employer, performs real work within the undertaking in the context of a traineeship — with financial support from, and the recognition of, the public authority responsible for the promotion of employment — in order to acquire or improve skills or complete vocational training."*

19. Aktar u aktar f'dan il-kaz, fejn il-konvenuta appellata ma kenitx sempliciment nghatat it-tahrig, izda nghatalha dan il-ftehim ta' tahrig fl-isfond tal-kuntratt t'impieg li kellha sa mis-sena 2010 u li permezz tat-tieni kuntratt t'impieg tas-16 ta' Jannar, 2013, flimkien mal-kuntratt ta' tahrig tal-istess data, ntrabtet li tibqa' hekk tahdem mas-socjeta` appellanti ghal perjodu ulterjuri ta' tliet snin minn meta tlesti t-tahrig. Din ir-relazzjoni kuntrattwali t'impieg kienet ilha fis-sehh ghal certu tul ta' zmien, fejn il-konvenuta kellha obbligu taghti servizz lis-socjeta` appellanti taht id-direzzjoni tal-istess appellanti, ghal liema servizz hija kienet tithallas, altru li jista' jinghad li r-rwol tal-konvenuta fi hdan is-socjeta` attrici kienet dik t'impjegata. Kwindi jista' jinghad li r-relazzjoni kuntrattwali kienet wahda ta' impieg vera u proprja, li tista' tigi determinata minn kriterji oggettivi. Dan minkejja l-ftehim ta' tahrig fejn is-socjeta` attrici appellanti ntrabtet li tibghat lill-konvenuta ghat-tahrig mehtieg u li tinkorri l-ispejjez relattivi, filwaqt li in kontrakambju, l-konvenuta appellata ntrabtet li tibqa' tahdem ghal tliet snin ohra mid-data li tlesti l-imsemmi tahrig u fin-nuqqas li taghmel tajjeb ghall-ispiza shiha jew dik il-parti ta' spiza, skont kemm iddum fl-impieg taghha. Ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti fil-

kawza tibqa' wahda primarjament ta' impieg u l-kuntratt ta' tahrig ma jistax jitqies in izolament wahdu.

20. Ghall-fini li tigi stabbilita l-gurisdizzjoni, huwa ritenut li r-relazzjoni kuntrattwali ta' impieg bejn il-kontendenti fil-kawza tipprevali fuq il-ftehim ta' tahrig. Wara kollox l-istess provvediment tar-Regolament 20 fit-Taqsima V tar-Regolament 1215/2012 jipprovdi:

> *"1. Fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratti individwali ta' impjieg, il-ġurisdizzjoni għandha tiġi determinata b'din it-Taqsima, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6, għall-punt 5 tal-Artikolu 7, u, f'każ ta' proċedimenti mressqa mill-impjegat, għall-punt 1 tal-Artikolu 8."*

Isegwi li l-Artikolu 7(1) invokat mis-socjeta` attrici appellanti m'ghandux jipprevali f'kazijiet ta' kuntratti individwali ta' impieg, bhal dak in ezami li jibqa' regolat bl-Artikolu 22(1) li jipprovdi:

> *"1. Min jimpjega jista' jressaq proċedimenti biss fil-qrati tal-Istat Membru fejn ikun domiċiljat l-impjegat."*

Inoltre l-Artikolu 23 jipprovdi wkoll li d-dispozizzjonijiet ta' din it-Taqsima jistghu jitwarrbu biss bi ftehim li jkun sehh wara li tkun qamet il-kwistjoni, li ma jirrizultax li huwa l-kaz.

21. Relevanti f'dan il-kuntest hija d-decizjoni li ghaliha ghamlet referenza l-ewwel Qorti ta' ***Glaxosmithkline and Laboratoires Glaxosmithkline v. Jean-Pierre Rouard***, fejn inghad:

> *"The rule of special jurisdiction provided for in Article 6, point 1, of Council Regulation (EC) No 44/2001 of 22 December 2000 on jurisdiction and the recognition and enforcement of judgments in civil and commercial matters cannot be applied to a dispute falling under Section 5 of Chapter II of that regulation concerning the jurisdiction rules applicable to individual contracts of employment***.**"

Din is-sentenza tenfasizza propju l-kuncett li fejn tidhol il-materja ta' gurisdizzjoni f'kazijiet ta' kuntratti ta' impieg, hija t-Taqsima 5 tar-Regolament 1215/2012, li ghandha tipprevali. Hekk ukoll l-awtrici **Vesna Lazic´** (Associate Professor tad-Dritt Privat fl-Università ta' Utrecht (l-Olanda)) f'artikolu li kitbet fl-Ulrecht Law view (Volume 10, Issue 4 (November) 2014), dwar *"Procedural Justice for 'Weaker Parties' in Cross-Border Litigation under the EU Regulatory Scheme"* fejn fir-rigward tal-Brussels I Regulation (Regolament 44/2001 li huwa l-predecessur tar-Regolament 1215/2012), kitbet li tilwimiet li jinvolvu l-partijiet aktar dghajfa trattati taht it-Taqsimiet 3, 4, u 5 tar-Regolament, jigifieri tilwimiet li jitrattaw kuntratti t'assigurazzjoni, konsumaturi u ta' impieg huma indipendenti minn regoli ohra ta' gurisdizzjoni fl-istess regolament u jimmiraw li jipprotegu l-parti l-aktar dghajfa fil-kuntratt, billi jeghlbu kemm ir-regoli generali, kif ukoll Artikolu 5 (tar-Regolament 44/2001, illum Artikolu 7 tar-Regolament 1215/2012). Kwindi tghid li l-proceduri kontra l-parti dghajfa fil-kuntratt ghandhom jitressqu quddiem il-Qrati tal-pajjiz membru fejn il-parti d-dghajfa jkun domiciljat.

22. Hekk ghamlet l-ewwel Qorti u din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fid-decizjoni taghha u ma tara l-ebda raguni sabiex tilqa' l-aggravji tas-

socjeta` attrici appellanti. Kunsidrat li mhux kontestat li d-domicilju tal-konvenuta appellata huwa fl-Italja, ghamlet sew l-ewwel Qorti li laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` attrici appellanti, billi filwaqt li tichad l-istess, tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Ottubru, 2016, fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-shih. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
da